# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 27 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Dennis Theuma)**
**vs**
**Brian Vella**

**Drogi Numru: 384/2007**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Brian Vella, ta' 33 sena, bin Anthony u Carmen nee' Barbara, imwieled Zabbar fis-06 ta' Frar 1971, residenti gewwa 'Vella House', Triq il-Kappar, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita numru 119571M.

Akkuzat talli fil-31 ta' Ottubru 2004 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienetx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba li titratta ma' l-imputat Brian Vella talli kiser il-kundizzjoni tal-probation ghal tlett snin imposta fuqu mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fis-17 ta' Ottubru 2003 u talli huwa recediv b'sentenza datata 07 ta' Lulju 2003 moghtija mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D fejn l-imputat kien gie kkundannat sitt xhur habs u multa ta' LM400.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali mahrug fis-7 ta' Settembru 2006 ai tenur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema

ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi odjerni[1].

Rat li minkejja dan l-ordni l-proceduri fil-konfront ta' l-imputat inbdew quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tmexxew bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma f'l-1 ta' Lulju 2014 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[2] u li f'l-20 ta' Frar 2015 inghatat sentenza fil-konfront tieghu minn din il-Qorti kif diversament presjeduta[3].

Rat li l-imputat appella minn dik is-sentenza[4] u li fil-mori ta' l-appell prezenta rikors quddiem il-Qorti Civili (Prim' Awla) sede Kostituzzjonali[5] li gie finalment deciz mill-Qorti Kostituzzjonali.

Rat is-sentenza mghotija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-14 ta' Dicembru 2018[6], permezz ta' liema ghar-ragunijiet hemm premessi, ordnat it-thassir tas-sentenza mghotija f'l-20 ta' Frar 2015 u li l-process kriminali kontra l-imputat jinbeda mill-gdid quddiem il-Qorti tal-Magistrati, presjeduta minn Magistrat iehor, wara li jitnehha mill-inkartament l-istqarrija ta'l-imputat u kull referenza ghaliha.

Rat id-degriet tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali mghoti fil-11 ta' Jannar 2019[7] permezz ta' liema, in ottemperanza ma' dak ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-appell u baghtet l-atti lil din il-Qorti.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta nhar l-21 ta' Frar 2019 l-Qorti ordnat li l-proceduri jinbdew mill-gdid quddiemha bhala Qorti Struttorja[8].

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali mahrug f'l-4 ta' Ottubru 2019 mahrug a tenur ta'l-artikoli 22(2) u 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema ordna li l-imputat jigi processat minn din l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura

[1] Ordni a fol 2.
[2] Ref verbal a fol 66.
[3] A fol 72.
[4] Ref rikors ta'l-appell a fol 83.
[5] Dan jirrizulta mill-verbal tal-5 ta' Ottubru 2016 a fol 102.
[6] Kopja a fol 111 et seq.
[7] A fol 121.
[8] Ref verbal a fol 125.

Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall ksur tal-provvedimenti ta'l-istess Ordinanza[9].

Rat ukoll li f'l-istess jum, u cioe l-4 ta'Ottubru 2019 u ai termini ta'l-artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghar-reati ravvizati f'l-artikoli:

- 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[10]

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-proceduri jitkomplew bi procedura sommarja[11].

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat li traffika fid-droga kokajina, li kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina u eroina, li kkommetta reat fil-perjodu ta' probation, u li huwa recidiv.

## Il-Provi Prodotti

Ikkunsidrat

Illi a skans ta' ekwivoci l-Qorti tibda biex tirrileva li, konformament ma' dak ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fuq imsemmija, ser tiskarta l-istqarrija ta'l-imputat u kull referenza ghaliha bhala prova inammissibbli.

Illi x-xhieda principali f'dawn il-proceduri kienu ufficjali tal-pulizija.

Illi l-ufficjal prosekutur spjega[12] kif fuq informazzjoni li seta' kien ser isir xi spacc ta' droga fil-lokalita ta' Zabbar, hu u kollegi tieghu marru fuq patrol. Fil-waqt li kienu dehlin fic-centru ta' Haz-Zabbar ra vettura ta' tip Mercedes b'numru ta' registrazzjoni ABI 271 li fiha kien l-imputat u zewg persuni ohra:

---

[9] A fol 160.
[10] Ref l-istess nota a fol 160.
[11] Ref verbal ta'l-udjenza mizmuma fis-16 ta' Ottubru 2019 a fol 161.
[12] Depozizzjoni a fol 12 et seq.

Domenic Ceci u Adrian Axiaq, persuni li kienu maghrufa mal-pulizija. L-ufficjal prosekutur kompla jispjega li Domenic Ceci deher li kien ghadu kif ha xi haga minn gol-vettura minghand l-imputat u malli induna bil-pulizija prova jitlaq minn hemm pero inqabad u fil-pussess tieghu instabu zewg qratas b'sustanza suspettata kokajina. Saret tfixxija fil-vettura u taht is-seat fejn kien qieghed bil-qeda l-imputat instabu mizien elettroniku, xi qratas bi trab kannella u trab abjad suspettati eroina u kokajina. Waqt id-depozizzjoni tieghu x-xhud esebixxa sentenza mghotija fil-konfront ta'l-imputat fis-7 ta' Lulju 2003[13], il-mizien u l-qratas li nstabu fil-vettur[14], kif ukoll is-somma ta' mija tmienja u tlettin Lira Maltija (Lm138) li kienu instabu fuq il-persuna ta'l-imputat[15]. F'depozizzjoni sussegwenti[16] l-ufficjal prosekutur prezenta certifikat tal-mewt ta' Domenic Ceci[17] minn liema jirrizulta li Ceci miet f'l-20 ta' April 2010. Huwa prezenta ukoll sentenza ohra mghotija fil-konfront ta' l-imputat[18].

Illi PC213 Nicolai Borg[19] jispjega kif, meta kien flimkien mal-kollegi tieghu f'Haz-Zabbar, ra lil Domenic Ceci jistenna fit-triq fil-karozza; innota li bdew gejjin nies ohra  jistennew. Peress li n-nies bdew jizdiedu talab assistenza ta' kollegi u malli waslu l-kollegi tieghu waslet ukoll il-Mercedes li kien fiha l-imputat; malli waslet il-vettura li fiha kien hemm l-imputat,  in-nies li kienu qed jistennew marru jigru fejn il-vettura. Hu u l-kollegi tieghu marru ghal fuqhom; dak il-hin Ceci kien ghadu kif dahhal idejh fil-vettura u ha zewg boroz tal-plastic bi trab abjad. Ix-xhud ikkonferma li meta saret tfixxija fil-vettura ta'l-imputat taht is-seat tieghu nstabu mizien, zewg boroz bi trab kannella u borza bi trab abjad.

Illi PC599 Clive Mangion[20] kien wiehed mill-pulizija li mar fuq il-post wara li kienet intalbet l-ghajnuna mill-kollegi. Malli wasal fuq il-post innota vettura, Mercedes b'numru ta' registrazzjoni ABI 271, li fiha, fin-naha tal-passiggier kien hemm riekeb l-imputat. Ix-xhud innota ukoll lill-imputat jghaddi xi haga lil Domenic Ceci li mbaghad telaq minn fejn il-karozza. Ix-xhud kompla jispjega li hu ghamel tfixxija fil-vettura u taht is-seat ta'l-imputat sab mizien u zewg boroz, wahda bi trab abjad u l-ohra bi trab kannella.

Illi WPC89 Mariella Spiteri[21] ukoll qalet li rat il-vettura Mercedes ABI 271 li hija iddeskrivita bhala ta' l-imputat u li flimkien ma' l-imputat fil-vettura kien hemm zewg persuni. Rat ukoll lil Domenic Ceci javvicina l-vettura u ratu jiehu xi haga mill-vettura. Meta Ceci induna bihom ghaggel il-pass u prova jahrab

[13] Dok DT esebita a fol 16.
[14] Esebiti bhala Dok DT3.
[15] Esebiti bhala Dot DT2.
[16] A fol 142 et seq.
[17] Dok DT4 a fol 144.
[18] Dok DT5 a fol 145.
[19] Depozizzjoni a fol 26 et seq.
[20] Depozizzjoni a fol 28 et seq.
[21] Depozizzjoni a fol 35 et seq.

pero qabduh, saret search fuqu u nstabu zewg qratas bi trab abjad. Ziedet li wara sart tfixxija fil-vettura ta'l-imputat u nstabu mizien, u qratas ohra bi trab abjad u kannella.

Illi xehed rapprezentant ta' Transport Malta[22] li kkonferma li l-vettura ta' tip Mercedes b'numru ta' registrazzjoni ABI 271 kienet registrata fuq certu Anthony Vella u dan mis-7 ta' Gunju 1988 sa kemm giet skrappjata fil-31 ta' Mejju 2012. Ix-xhud prezenta ukoll dokumenti bid-dettalji ta' l-informazzjoni li huwa ta fid-depozizzjoni tieghu[23]. L-imsemmi Anthony Vella ma tressqx bhala xhud fil-proceduri odjerni.

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri gie nominat l-ispizjar Godwin Sammut biex janalizza s-sustanza esebita. Mid-depozizzjoni tieghu[24] u mir-rapport tieghu[25] jirrizulta li, ai fini ta'l-analizi rikjesta, inghata l-oggetti li instabu fil-Mercedes, cioe borza li kien fiha trab abjad, borza li kien fiha trab kannella, u mizien. Mill-analizi li ghamel l-espert irrizulta li fil-waqt li fuq il-mizien ma stabux tracci ta' xi sostanzi kontrollati, it-trab abjad fil-borza kien kokajina u t-trab kannella fil-borza kien eroina; il-kokajina kien fiha piz ta' 0.46 grammi fil-waqt li l-eroina kellha piz ta' 1.24 grammi.

Illi xehed ukoll l-ufficjal tal-probation Ivan Sultana[26]. Huwa spjega kif ilu jsegwu lill-imputat mis-sena 2009 wara li l-istess imputat kien inghata sentenza sospiza. F'dak il-perjodu l-imputat kellu habit pjuttost gravi partikolarment f'dak li jirrigwrada l-eroina, pero ftit ftit beda johrog minnha. Ix-xhud kompla jispjega li dik is-sentenza sospieza intemmet b'success u wara l-imputat kien tpogga taht ordni ta' probation ghal tlett snin mis-17 ta' Lulju 2015. Waqt din il-probation komplew jahdmu fuq il-problema tad-droga b'success tant li skond ix-xhud l-imputat issa huwa clean, jittiehdulu urine tests regolarment u dejjem jirrizulaw negattivi ghal kull sustanza. Ix-xhud zied ukoll li l-imputat illum jippartecipa f' negozju tal-familja (panel beating) u anke, fimkien ma membri ohra tal-familja tieghu, jiehu hsieb lil ommu li hija indisposta. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li  l-kambjament li l-imputat ghamel f'hajtu huwa wiehed radikali.

## **L-Ewwel Imputazzjoni**

Ikkunsidrat

[22] Stephen Cachia, depozizzjoni a fol 135 et seq.
[23] Ref Dok SC1 a fol 137 et seq.
[24] A fol 31 et seq.
[25] Dok GS a fol 33.
[26] Depozizzjoni a fol 164 et seq; dan kien l-unika xhud imressaq mid-difiza.

Illi kif intqal permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li forna jew prokura droga kokajina.

Illi kif gustament jirrileva l-abbli difensur ta'l-imputat ix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma kienux jaqblu f'kull dettal fir-rakkont taghhom dwar x'raw fil-gurnata in ezami.

Illi mill-atti processwali jidher li l-ewwel li kien hemm fuq il-post kien PC213 Nicolai Borg; dan ix-xhud kien car hafna fid-depozizzjoni tieghu u jghid li l-ewwel osserva lil Domenic Ceci u persuni ohra jingemghu u mbaghad ra il-karozza, Mercedes, gejja li fiha kien hemm l-imputat; ma jghidx fejn, fil-karozza, kien qieghed l-imputat u lanqas jghid jekk kienx hemm aktar nies mieghu fil-karozza. L-ufficjal prosekutur jghid li fil-vettura gie notat l-imputat flimkien ma zewg persuni ohra. PC599 Clive Mangion jghid sempliciment li fil-Mercedes kien hemm l-imputat li kien riekeb fis-seat  tal-passiggier, b'l-implikazzjoni li kien hemm hadd iehor qed isuq. WPC89 Mariella Spiteri da parti taghha tghid li fil-Mercedes kien hemm l-imputat u zewg persuni ohra pero ma tghidx min kien bil-qeghda fejn.

Illi dwar Domenic Ceci u x'kuntatt seta' kellu ma'l-imputat PC213 Nicolai Borg jghid li ra lil Ceci javvicina l-Mercedes, idahhal idejh fil-vettura u jiehu zewg boroz bi trab abjad; dak il-hin il-pulizija avvicinaw u Ceci telaq jigri; ma jghidx liema naha tal-vettura avvicina u minghand min ha l-boroz. WPC89 Mariella Spiteri tghid li rat lil Ceci javvicina l-karrozza u jiehu xi haga minnha. PC599 Clive Mangion jghid li ra lil Ceci jersaq lejn il-karrozza u ra lill-imputat jaghtih xi haga. L-ufficjal prosekutur, ghalkemm inizjalment implika li Ceci kien wiehed miz-zewg persuni li kienu fil-vettura ma'l-imputat pero jghid ukoll li  Ceci kien qiesu ghadu kif ha xi haga mill-vettura, minghand l-imputat.

Illi ghalkemm Domenic Ceci prova jahrab malli ra lill-pulizija huwa inqabad u saret tfixxija fuqu; fil-kors ta' din it-tfixxija instabu zewg bororz bi trab abjad fihom. Sfortunatament pero Ceci ma tressaqx bhala xhud f'dawn il-proceduri u lanqas ma ngiebet xi prova dwar x'kien il-kontenut ta' zewg boroz li instabu fil-pussess tieghu.

Illi mill-atti prcesswali jirrizulta ukoll li l-vettura ta' tip Mercedes b'numru ta' registrazzjoni ABI 271 kienet registrata fuq certu Anthony Vella.

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax li l-proskuzzjoni kellha prova importanti f'idejha: il-boroz li nstabu fil-pussess ta' Ceci, pero din il-prova ma giebitx fil-proceduri odjerni. Il-prosekuzzjoni naqset ukoll li tressaq lil Ceci bhala xhud[27].

---

[27] Ghalkemm il-proceduri fil-konfront tieghu kienu gia konkluzi fi stadji inizjali ta' dawn il-proceduri u ghalhekk kien xhud kompetenti, ma jidhirx li kien imharrek biex jixhed. Huwa miet fl-20 ta' April 2010.

Dan wassal biex la seta jigi stabbilit x'kien il-kontenut tal-boroz u lanqas seta' jigi stabbilit ma' min kien miftiehem Ceci.

Illi tenut kont ta' dan, tenut kont tal-fatt li l-Mercedes ma kenitx registrata f'isem l-imputat u ma jirrizultax minn kellu kontroll effettiv fuq din il-vettura, tenut kont ukoll li tul il-hin kollu jidher l-imputat ma kienx wahdu fil-vettura, ghalkemm il-mizien u z-zewg qratas li instabu fil-karozza instabu taht is-seat fejn kien qieghed l-imputat, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ma jistax jinghad li ngiebet l-ahjar prova li dak li inghata lil Ceci kienet droga u li naghatatlu mill-imputat.

Illi tenut kont tas-suespost ma jistax jinghad li l-ewwel imputazzjoni giet pruvata 'l hemm minn dubbju dettat mir-raguni u konsegwentement l-imputat ghandu jigi liberat minnha.

## It-Tieni u t-Tielet Imputazzjonijiet

Illi permezz ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat b'l hekk imsejjah pussess semplici ta' droga kokajina u eroina.

Illi qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-mertu ta' dawn l-imputazzjonijiet l-Qorti hija tal-fehma li ghandha *ex officio* tissolleva l-kwistjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward ta'dawn l-imputazzjonijiet[28].

Illi ai termini tac-citazzjoni l-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet issa in ezami sehhew fit-23 ta' Ottubru 2004 u fix-xhur ta' qabel. Ic-citazzjoni fil-konfront ta'l-imputat giet prezentata l-Qorti fil-15 ta' Ottubru 2007 u l-proceduri inbdew quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; dan minkejja li l-ordni mahrug mill Avukat Generali kien biex l-imputat iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu quddiem il-Qorti Kriminali b'mod li l-proceduri kellhom jinbdew minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja.

Illi la darba l-proceduri nbdew u tmexxew sommarjament, il-kumpilazzjoni ma nghalqitx fi zmien xahar, ma giex deciz jekk kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitpogga taht att ta' akkuza fit-terminu stabbilit mill-Ligi, u lanqas ma gew rinvjati l-atti ghand l-Avukat Generali biex ikun jista' jew johrog l-att ta' akkuza jew ai termini ta'l-artikolu 31 jordna li l-imputat jigi processat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Peress illi dan kollu gab in-nullita ta'l-atti, il-proceduri kellhom jergghu jinbdew mill-

[28] Ai termini ta' l-artikolu 694 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-preskrizzjoni hija applikata mill-Qorti *ex officio* u l-imputat ma jistax jirrinunzja ghaliha.

gdid[29]; ic-citazzjoni regghet inqrat u giet konfermata bil-gurament fil-21 ta' Frar 2019 meta sar l-ezami ta'l-imputat li wiegeb mhux hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Konsegwentement il-proceduri li qed jigu decizi llum fil-konfront ta' l-imputat inbdew fil-21 ta' Frar 2019.

Illi ai termini ta'l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta l-piena ghar-reati ravvizati f'l-imputazzjonijiet issa in ezami hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn tlett xhur izda mhux izjed minn tnax il-xahar jew multa ta' mhux anqas minn erbgha mija hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) izda mhux iktar minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) jew dik il-prigunerija u multa flimkien.

Illi ai termini ta'l-artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni wara l-eghluq ta' hames snin ghad-delitti soggett ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn erbgha snin u mhux anqas minn sena.

Illi ghalhekk l-azzjoni kriminali fir-rigward ta'l-imputazzjonijiet issa in ezami taqa' bi preskrizzjoni wara l-eghluq ta' hames snin mill-31 ta' Ottubru 2004. La darba il-proceduri li wasslu ghall-ghoti ta' din is-sentenza nbdew fil-21 ta' Frar 2019 m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-azzjoni fir-rigward ta'dawn l-imputazzjonijiet hija preskritta.

## <u>Ir-Raba u l-Hames Imputazzjonijiet</u>

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat bi twettieq ta' reat waqt perjodu ta' probation u bir-recidiva rispettivament.

Illi biex jirrizultaw dawn l-imputazzjonijiet huwa necessarju li l-imputat l-ewwel jinstab hati ta'l-imputazzjonijiet principali. La darba qed jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni u t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma preskritti l-imputazzjonijiet issa in ezami ma jistghux jissussistu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara t-tieni u t-tielet imputazzjonijet preskritti, ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

[29] U dan irrispettivament minn dak li kienet ordnat il-Qorti Kostituzzjonali.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**